newsbook.com.mt

LOKALI

# Titnieda s-7 edizzjoni tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ

*Charmaine Attard - 27/04/15 03:01 PM*



Tnediet is-seba' edizzjoni tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ, li se tiġi ċċelebrata f'Malta bejn l-4 u t-8 ta' Mejju.

It-tema tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ 2015 hija *Niżblukkaw il-potenzjal taż-żgħażagħ bħala ċ-ċavetta għall-parteċipazzjoni, fil-ħajja tax-xogħol u fis-soċjetà* b'fokus fuq il-kwistjoni ewlenija tat-tħaddin tad-diversità permezz tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ.

B'hekk fit-33 pajjiż li jipparteċipaw fil-programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+, se jkunu qed jittellgħu attivitajiet għaż-żgħażagħ.

Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni Ewropea se ttella' wirja li turi l-proġetti kollha fil-lista l-qasira għall-premjijiet fuq l-Esplanade tal-Parlament Ewropew, bħala parti mill-"YO!Fest!" organizzat mill-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ. Dawn l-attivitajiet se jkunu qed jixxandru f'Malta b'link dirett minn Brussell, waqt l-attivitajiet organizzati fl-Università ta' Malta u l-MCAST.

Se jitnieda wkoll l-*Ideas Labs*, kunċett ġdid sabiex jagħti liż-żgħażagħ l-ispazju sabiex ifissru l-ideat friski u ta' ispirazzjoni tagħhom.

Dawk li jixtiequ jinvolvu ruħhom matul l-EYW2015 jistgħu jżuru s-sit elettroniku www.youthweek.eu.